# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Marzu 2000

**Numru 11**

**Citaz. numru 31/95 DS**

Brian Woollard
vs
Joseph Galea

Illum, 13 ta' Marzu 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Jannar 1995 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fl-10 ta' Frar 1994 waqt li l-istanti kien isuq Land Rover numru N-2413 f'San Pawl il-Bahar din sfat involuta f'habta ma car Mercedes numru Y-1874 misjuqa mill-konvenut u garrbet hsarat.

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti l-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Illi rizultat tal-incident l-istanti sofra danni fl-ammont ta' elfejn u tlieta u tmenin lira.

Illi l-istanti baqa' ma thallasx minghand il-konvenut nonostante li dan gie nterpellat ghal daqshekk.

talab lil din il-Qorti li:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat tal-istess sofra l-istanti.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm2083 jew somma verjuri li tigi likwidata occorrendo b'opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont hekk dikjarat u likwidat bhala dovut bhala danni.

Bl-ispejjes nkluzi Lm 9 ta' konsulti u zewg ittri, dawk tal-ittra ufficjali tallum b'avviz ta' dina c-citazzjoni lill-assikuraturi tal-konvenut (Dr. Remigio Zammit Pace nomine - Elmo Insurance Services Limited nomine)
u bl-imghax minn notifika ta' dina c-citazzjoni kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal illi:

1. L-ewwel talba ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobbilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent izda gara unikament tort ta' l-attur innifsu.

2. It-tieni talba attrici ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur tieghu.

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjent m'ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-5 ta’ Mejju 1995 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Anthony Ellul bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijjiet, u jaghmel l-osservazzjonjiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fid-9 ta’ Novembru 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li l-incident in kwistjoni gara f’Xemxija Hill fl-10 ta’ Frar 1994 bejn Land Rover numru N-2413 misjuqa mill-attur fid-

direzzjoni tal-Mellieha u Mercedes numru Y-1874 misjuqa mill-konvenut fid-direzzjoni opposta.

Il-partijiet taw verzjonijiet pjuttost konfliggenti dwar kif gara l-incident:

Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu li kkonferma meta xehed quddiem il-perit legali **l-attur** qal li kien qieghed fuq il-"proper side" tat-triq bid-dwal "dipped" u bi speed ta' xi 30 m.f.s. jew ftit inqas. Mill-faccata ra par dwal gejjin fi triqtu u kien pront naqqas sew izda f'hakka t'ghajn dik il-vettura giet b'sahha ghal gol-Land Rover fi triqitha u tatha daqqa fuq il-"front right corner". Il-vettura l-ohra, li kienet il-Mercedes fuq imsemmija, waqfet ftit izjed 'l isfel ghal nofs it-triq.

Meta xehed zied ighid li sakemm waslu l-Pulizija l-vetturi ma ntmessewx. Fil-hin ta' l-incident kien ghat-telgha u bid-daqqa li ha l-vettura ntfiet. Kellu hsara fir-rota, gear box u magna li zgancaw ruhhom minn ma' xulxin.

In kontroezami qal li jaqbel ma' l-iskizz tal-Pulizija. Qal ukoll li waqt li beda tiela' t-telgha tax-Xemxija ma kienx hemm vetturi quddiemu u lanqas mid-direzzjoni opposta. Il-vettura tal-konvenut raha ftit sekondi qabel l-incident. Kif dar u gie fid-dritt lemah il-Mercedes xi mitejn pied boghod minnu. Kienet ftit 'l isfel mill-Beach Haven.  L-attur qal li huwa kien erba' piedi 'l barra mill-bankina u fejn saret il-habta hemm wisa' ta' 41 pied.

**Jason Mallia** kien passiggier ma' l-attur u kkonferma li kienu sejrin ghax-xoghol. Ezatt kif kienu ser ighaddu l-Porto del Sol sema' lill-attur ighid "Ara dan! Ara dan!" Huwa hares 'il fuq u ra l-Mercedes gejja dritt ghal fuqhom. Kienet qed tinsaq fuq il-karreggata taghhom. Huma kienu fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Ma' l-impatt huwa ntilef minn sensieh ghal xi mumenti. Ma jafx kemm kienu boghod meta ra l-Mercedes l-ewwel darba. Pero' ma kellux cans izomm ma' mkien. Huma kellhom id-dawl mixghul izda ma jiftakarx jekk il-vettura l-ohra kellhiex dawl mixghul. Id-daqqa fuq il-Mercedes kienet fil-faccata kollha u mhux principalment lejn ix-xellug.

Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu **l-konvenut** qal li hu kien qed isuq fin-naha tieghu tat-triq u bi speed adattat ghal-lokalita`. Kif wasal vicin il-liwja li hemm ftit 'l isfel mill-Porto Del Sol Restaurant, gie l-attur isuq il-Land Rover u qata' ghad-dritt b'mod li nvada l-karreggata tal-konvenut u mblokka l-passagg liberu tal-konvenut.

Meta xehed il-konvenut qal li l-ewwel darba li ra lill-attur kien f'distanza qisha minn hdejn l-Awla Kriminali sal-bini tas-Savoy. F'dan il-mument il-vettura misjuqa mill-attur kienet diga` qabzet nofs it-triq. Ighid li hu bbrejkja mill-ewwel. Kien fuq in-naha tieghu izda mixhut aktar lejn in-nofs. Kif gew wicc imb'wicc il-Land Rover gibdet lejn in-naha tieghu. Qal li l-iskizz tal-Pulizija ma jurix il-pozizzjoni tal-vetturi wara l-habta u anke gibed l-attenzjoni tas-Surgent. Imbaghad ikkorrega ruhu u qal li l-vetturi kif murija fl-iskizz kienu kif sabhom is-Surgent kif wasal fuq il-post ta' l-incident. Spjega li fil-fatt lis-Surgent qallu li l-attur kien caqlaq il-vettura tieghu. Huwa pprezenta skizz redatt minnu li juri l-vetturi kif, skond hu, spiccaw wara l-incident u qabel ma giet imcaqalqa l-Land Rover. Jikkonferma li wara l-incident l-bieba tal-Land Rover ma setghetx tinfetah. Ma eskludiex li seta' pinga l-iskizz hazin.

Il-konvenut qal li l-Land Rover giet irmunkata u ma setghetx timxi fit-tul. Qal li l-habta sehhet f'liwja. Qal ukoll li l-hsara fil-vettura tieghu kienet fuq il-lemin minn nofs ix-xibka u spiccat fil-pozizzjoni ndikata fl-iskizz tal-Pulizija minhabba d-daqqa li qalghet. Traffiku niezel mill-Mellieha beda jghaddi minn fux ix-xellug tal-Mercedes. Fil-hin ta' l-incident kellu d-dawl mixghul u kien sejjer lura d-dar minn ta' bil-lejl. Ighid ukoll li l-Land Rover li tressqet ma hallietx marki. Hu kien ghaddej bi speed ta' 36 m.f.s.

Xehed ukoll **P.S. 352 Carmelo Magri** li nvestiga l-incident. Qal li skond il-konvenut il-vttura misjuqa mill-attur l-ewwel kisret fuq ix-xellug taghha u mbaghad ghal fuqu. L-attur mill-banda l-ohra qal li ra l-vettura tal-konvenut tinsaq f'nofs it-triq, kiser lejn ix-xelluq tieghu biex jipprova jevitah izda ma rnexxilux. Il-hsarat kienu konsiderevoli. Il-habta grat fejn hemm il-Porto del Sol. Ma osservax "brake marks" u t-tifrik kien imxerred fl-area taz-zewg vetturi. Ma setax jistabilixxi "spot of impact". Ma ftakarx jekk xi hadd gibidlu l-attenzjoni li vettura minnhom iccaqalqet wara l-incident. Ikkonferma li f'nofs it-triq m'hemmx liwja kontinwa. L-attur ma qallux li l-konvenut kien qieghed isuq "wrong side" izda li kien f'nofs it-triq. L-art kienet niedja.

Il-perit legali acceda fuq il-post ta' l-incident u ghamel dawn l-osservazzjonijiet:

"(a) Illum hemm linja kontinwa li taqsam iz-zewg karreggjati.
(b) Fid-direzzjoni li fiha kien qieghed isuq l-attur it-triq hija nklinata 'l fuq.

(c) Ghalkemm it-triq hija wiesa', minn kull karreggjata ma tghaddix iktar minn vettura wahda. Fil-fatt fuq in-naha tax-xellug fid-direzzjoni li fiha kien qieghed isuq l-attur dakinhar ta' l-incident, iservi ta' parking.
(d) It-triq mhijiex dritta xemgha kif tidher fuq l-iskizz li pprezenta l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz. Fil-fatt faccata tal-fetha fejn tidher il-vettura tal-attur hemm bend. Din il-bend tibda ferm izjed 'l isfel mill-Porto del Sol u fil-fatt fil-punt fejn sehh l-incident l-attur kien qieghed ghadu jimmanuvra l-bend.

Huwa veru li jekk wiehed joqghod josserva l-karrozzi telghin fid-direzzjoni tal-Mellieha, hemm tendenza ghall-vetturi li jkunu telghin b'certa velocita' li jmorru ghal fuq il-karreggjata opposta, pero` fil-fehma ta' l-esponent ma tressqet l-ebda prova li l-attur ghamel hekk fil-kaz odjern. Anzi l-esponent huwa tal-fehma li kieku sar hekk zgur li l-vettura ta' l-attur ma kenitx tispicca fil-pozizzjoni li hija murija fl-iskizz.
(e) Il-konvenut kien ghan-nizla u mid-direzzjoni minn fejn kien gej hemm vizwali fit-tul."

Il-perit legali mbaghad ghadda biex jaghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"4. Illi l-hsarat rikonstrati fiz-zewg vetturi (fil-faccata minn-nofs ghal-lemin) u kkonfermati mill-kontendenti, jaghtu wiehed x'jifhem li hawnhekk si tratta ta' *head on collision.* Fil-fatt mill-iskizz (Dok. CM) lanqas jirrizulta *Brake marks*. Taht dawn ic-cirkostanzi hemm zewg possibiltajiet:

(i) li fil-hin ta' l-incident iz-zewg vetturi kienu qeghdin jigu misjuqa *"on the crown of the road"* ; jew

(ii) li fil-hin ta' l-incident wahda mill-vetturi kienet kompletament *wrong side.* F'din l-eventwalita l-kawza ta' l-incident trid tirrizulta principalment minn ricerka ta' min miz-zewg *drivers* oltrepassa l-linja medjana tat-triq u nvada dik il-parti tal-karreggjata proprjament riservata fuq kollox ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta. Dan minkejja li huwa risaput li, "*sewwieq ta' karrozza li jkun fuq in-naha hazina tat-triq mhux necessarjanment jkun responsabbli ghall-kollizjoni jekk l-agir tieghu ma jkun ta lok ghal dik il-kollizjoni"* (Vol. XLVII.ii.96). Ghal din ir-ricerka hu essenzjali l-iskizz preparat mis-Surgent tal-Pulizija.

Min-naha l-ohra, kif tajjeb ighidu l-awturi Gibb & Milner (*The Trial of Motor Car Accident Cases* - Sec. 73 p. 64):

*"The driver who is on the wrong side of the highway in violation of the rule of the road is* ***generally*** *the cause of the collision and therefore responsible for the damage sustained by the one driving on the proper side, provided the latter was exercising reasonable care".*

5. Illi mill-provi li tressqu l-esponent huwa tal-fehma li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza.

L-esponent jeskludi li wara li sehh l-incident l-attur caqlaq il-vettura tieghu. Hawnhekk qeghdin nitkellmu fuq Land Rover, vettura ta' certu toqol, li ma l-impatt vjolenti garrbet hsarat estensivi u li kienet f'parti tat-triq li hija nklinata 'l fuq. Fil-fatt fl-okkorrenza tal-pulizija jissemma kif il-vetturi garrbu hsarat fic-chasis. L-esponent huwa tal-fehma li kien umanament impossibbli ghall-attur li jcaqlaq il-vettura u jpoggiha fil-pozizzjoni li tidher fl-iskizz. anke jekk wiehed jirreferi ghall-kontijiet li gewipprezentati mill-attur (fol. 5 - 8), jirrizulta kemm il-hsarat kienu estensivi. Fil-fatt jissemmew *chassis straightening, gearbox, differential axle housing, arms for front differential, differential axle housing.* Il-konvenut stess ikkonferma fix-xhieda li ta quddiem l-esponent li ghalkemm il-vettura ta' l-attur giet imcaqalqa hija ma halliet l-ebda marki fit-triq. L-esponent huwa tal-fehma li mhux verosimili li vettura li garrbet dawk il-hsarat kollha tigi mcaqalqha u ma thalli ebda marka warajha ta' dan. Il-pulizija stess li nvestiga l-kaz ikkonferma wkoll li l-vettura ta' l-attur ma setghetx tinstaq minhabba l-hsarat li kellha (seduta tal-15 ta' Settembru 1995). Fl-okkorrenza tal-pulizija li nvestiga l-kaz ma jissemma xejn dwar il-fatt li l-vettura ta' l-attur giet imcaqalqha mill-attur, ghalkemm il-konvenut ighid li kien attira l-attenzjoni tas-surgent f'dan is-sens.

Mill-provi rrizulta wkoll li bid-daqqa l-vettura misjuqa mill-attur intfiet (ara xhieda ta' l-attur fis-seduta tal-15 ta' Mejju 1997).

Jinghad ukoll li kieku l-kollizjoni sehhet kif tidher fl-iskizz li ghamel il-konvenut (Dok. JG), kieku l-vetturi ma kienux jispiccaw b'dawk il-hsarat kollha fil-parti ta' Quddiem.

6. Illi inoltre li kieku verament il-vettura misjuqa mill-attur qabzet nofs it-triq u marret fil-karreggata fejn qieghed isuq il-konvenut zgur li ma kenitx tispicca fil-posizzjoni li tidher fuq l-iskizz Dok. CM.

7. Illi l-konvenut ighid li kif ra l-vettura ta' l-attur gejja ghal fuqu huwa ghafas il-brejks. Dan mhux pruvat u hemm indikazzjonijiet kuntrarji. Fil-fatt ghalkemm ighid li dak il-hin kien qieghed isuq

b'velocita' ta' sitta u tletin mil fis-siegha (36mfs), m'hemm l-ebda marki tal-brakes wara l-vettura tieghu. L-esponent huwa tal-fehma wkoll li s-sewqan tal-konvenut kien eccessiv meta wiehed jikkunsidra li huwa kien qieghed f'nizla, l-art kienet imxarrba, u kien qieghed jimmanuvra bend,"

Wara li l-Qorti ezaminat il-provi kollha li tressqu u hadet konjizzjoni ta' l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet li ghamel il-perit legali, il-Qorti hija tal-fehma li l-perit legali ghamel apprezzament tajjeb tal-fatti rizultanti u ghalhekk tadotta fl-intier tali konsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni li l-incident gara unikament tort tal-konvenut li ghandu konsegwentement jaghmel tajjeb ghad-danni rizultanti.

Id-danni jirrizultaw mid-dokumenti B sa F li l-attur esebixxa flimkien mac-citazzjoni. Dawn jammontaw ghal Lm2083, kwantu ghal Lm1410 parts, Lm480 labour charges, Lm70 spray painting and underseal, Lm120 kiri ta' Land Rover u Lm3 skizz tal-Pulizija. Dawn id-danni ma gew bl-ebda mod kontestati u fid-dawl tal-provi migjuba jidhru gustifikati.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat ta' l-istess sofra l-attur,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont mitlub ta' Lm2083, u
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma ta' Lm2083 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

ONOR. IMHALLEF
DOTTOR DAVID SCICLUNA

D/REGISTRATUR